MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 5/2019 LM

**Marcon Formosa (K.I. Numru 369790M)**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti **Marcon Formosa** (minn issa 'l quddiem "l-appellanta"), mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), fit-8 ta' Lulju, 2019, (minn issa 'l

quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda illi l-appellanta ma kienx għad għandha dritt li tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali li kienet tingħata lilha sal-14 ta' Diċembru, 2018, peress li lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jirriżultalux li l-appellanta qiegħda tifforma familja għal rasha u/jew qiegħda tabita fl-indirizz mogħti minnha. L-Arbitru wasal għal din id-deċiżjoni wara li kkonsidra li l-uniċi provi li nġabu quddiemu kienu dawk ta' rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u tal-appellanta, u wara li qies li x-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment kienet aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-appellanta dwar il-fatti tal-każ.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali wara li ġiet infurmata, permezz ta' ittra mibgħuta lilha fis-27 ta' Novembru, 2018 mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li minkejja li hija kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sal-14 ta' Diċembru, 2018, din l-għajnuna kienet sejra titwaqqfilha wara li sar rapport li r-rikorrenti mhux veru li kienet qiegħda tifforma familja għal rasha u/jew tabita fl-indirizz mgħarraf minnha lill-awtoritajiet. Ir-rikorrenti kienet ġiet infurmata wkoll li hija kellha dritt tappella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, kif fil-fatt jirriżulta li għamlet.

**Mertu**

3. L-Arbitru sema' x-xhieda, fosthom dik ta' Joseph Attard, uffiċjal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li spjega li hu personalment kien għamel spezzjoni fil-fond 19, Triq Sant'Anġlu, iż-Żejtun, li r-rikorrenti indikat li kien qiegħed jintuża minnha bħala residenza tagħha. Ix-xhud spjega kif waqt din l-ispezzjoni huwa seta' jikkonstata li minkejja li r-rikorrenti kienet iddikjarat li flimkien magħha fil-fond kien hemm jgħixu żewġ uliedha minuri, waqt l-ispezzjoni li huwa għamel, osserva li f'dan il-fond u fil-gwardarobbi ma kien hemm l-ebda oġġetti li jindikaw li f'din id-dar kien hemm jgħixu tfal minuri. Fil-fatt ġie rappurtat li f'din id-dar la kien hemm ħwejjeġ, la kien hemm ġugarelli u lanqas affarijiet tal-iskola. Mistoqsija fejn kienu l-affarijiet tat-tfal tagħha, ir-rikorrenti wieġbet li ħafna mill-affarijiet kienu qegħdin jinżammu fid-dar tal-ġenituri tagħha, fejn hija kienet għadha tgħix sa Awwissu 2018, iżda xi żmien qabel hija kellha l-inkwiet ma' ommha, li keċċietha mid-dar flimkien mal-ulied minuri tagħha. Kien għalhekk li r-rikorrenti marret tgħix man-nanna paterna ta' waħda minn uliedha, Emanuela Schembri, li tiġi omm Christopher Schembri, missier tnejn minn ulieda minuri. Waqt din l-ispezzjoni ġie kkonstatat ukoll li Christopher Schembri ma jgħix fl-istess dar ma' ommu, iżda jgħix ma' missieru f'indirizz separat fiż-Żejtun. Waqt din l-ispezzjoni, l-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kienu spjegaw lir-rikorrenti li huma ma kinux konvinti li fl-indirizz indikat minnha hemm jgħixu r-rikorrenti flimkien

ma' wliedha minuri, jew li hija qiegħda tuża dan l-indirizz għal skopijiet ta' residenza permanenti.

Ir-rikorrenti ppreżentat kopji ta' xi ittri legali li ntbagħtu lill-ġenituri tagħha, kif ukoll kopja ta' kwerela u garanzija li permezz tagħhom il-ġenituri tar-rikorrenti ntalbu ma jagħmlu l-ebda tentattiv sabiex jikkomunikaw ma' binthom jew ma' wliedha. Quddiem l-Arbitru ġew esebiti wkoll kopji ta' dokumenti li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Familja bħala prova li r-rikorrenti kellha l-inkwiet mal-ġenituri tagħha u kienet tkeċċiet mid-dar tagħhom.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Lulju, 2019, l-Arbitru ċaħad l-appell tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi mir-rapport esebit u anke mix-xhieda mogħtija quddiem l-Arbitru, is-Sur Attard ta stampa ċara ħafna dwar ir-riżultanzi tiegħu f'dan il-każ, inkluż illi huwa ma kienx sodisfatt li b'mod ħolistiku minn dak li nstab fir-residenza no. 19 Triq Sant'Angelo ż-Żejtun kienet qiegħda tgħix l-appellanti ma' uliedha.*
>
> *Illi l-Ispetturi lanqas ma setgħu jsibu affarijiet bażiċi li solitament jintużaw mit-tfal u kellhom riservi kbar fuq il-veraċità ta' tliet biċċiet abbiljamenti li huma ġew murija.*
>
> *Illi l-uniku provi li nġiebu f'dan il-każ huma x-xhieda ta' Joseph Attard u l-appellanti.*
>
> *Illi mingħajr tlaqliq l-Arbitru jikkontendi illi l-verżjoni mogħtija mis-Sur Attard kienet ferm u ferm aktar kredibbli minn dik tal-appellanti. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-appellanti ssemmi r-rapporti tal-pulizija, rikorsi, involviment tal-aġenzija Appoġġ, partner tal-appellanti, missier il-partner tal-appellanti, u kif ukoll karità mogħtija lilha.*

*Illi jingħad li minn dan kollu l-appellanti ma ġabet prova ta' xejn u huwa legalment stabbilit illi s-sottomissjoni ma tikkostitwixxix prova.*

*Rinfaċċat b'din is-sitwazzjoni l-Arbitru jqis li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali kienet waħda korretta u għalhekk jiċħad l-appell."*

## L-Appell

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-29 ta' Lulju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha taqta' u tiddeċiedi billi tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi deċiża fit-8 ta' Lulju 2019."*

6. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta spjegat iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan l-appell, fosthom li hija omm ta' tlett itfal minuri, u sa Awwissu tal-2018 hija kienet tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha, fil-fond Blokk G, Flat 2, Misraħ Ħal Tmien, iż-Żejtun. L-appellanta spjegat li fis-27 t'Awwissu, 2018 hija kellha argument ma' ommha, li wassal għat-tkeċċija tagħha mid-dar tal-ġenituri tagħha, u dakinhar hija kienet sabet refuġju fid-dar ta' Emanuela Schembri, omm Christopher Schembri, li jiġi wkoll missier tnejn mill-ulied minuri tal-appellanta. L-appellanta żiedet tgħid li binha l-kbir, li huwa iben missier mhux magħruf, ma marx magħha fid-dar ta' Schembri għaliex dan kien ġie sekwestrat min-nanniet materni tiegħu, ċjoé il-ġenituri tar-rikorrenti. L-appellanta spjegat ukoll li Christopher Schembri ma jgħix fl-istess dar ma' ommu, iżda fil-fond 37, 'Tan-Nagli', Triq il-Kunċizzjoni, iż-Żejtun, fejn jgħix ukoll missieru, peress li l-ġenituri ta' Schembri huma mifrudin. L-appellanta qalet

ukoll li hija u Schembri qegħdin jirranġaw fond li fi ħsiebhom jużawh sabiex imorru jgħixu fih bħala familja, iżda għad fadal ħafna xogħol x'isir f'dan il-fond. L-appellanta qalet li hija kienet infurmat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bil-bidla fl-indirizz residenzjali tagħha, u meta saret l-ispezzjoni fil-fond 19, Triq Sant'Anġlu, iż-Żejtun hija kienet infurmat lill-uffiċjali tad-Dipartiment li hija kienet tkeċċiet mid-dar tal-ġenituri tagħha ħabta u sabta u kien għalhekk li ħalliet ħafna mill-affarijiet warajha. L-appellanta qalet li hija kienet infurmat lill-istess uffiċjali li min-naħa tagħha hija kienet għamlet kwerela kontra ommha wara li din ma riditx ittiha l-ħwejjeġ tat-tfal tagħha, u hija tmur fid-dar ta' Christopher Schembri sabiex taħsel il-ħwejjeġ tagħha u ta' wliedha għaliex fid-dar ta' Emanuela Schembri jgħixu ħafna nies. L-appellanta qalet li hija ġiet infurmata li l-benefiċċji soċjali li kienet tirċievi ser jitwaqqfulha permezz ta' ittra datata 28 ta' Novembru 2018, u hija ma qablitx ma' dan it-tnaqqis għaliex kienet u għadha qiegħda tipprova tifforma familja għal rasha flimkien ma' wliedha minuri. Qalet li wara li l-appell li ressqet quddiem l-Arbitru ġie miċħud, hija ħassitha aggravata u kien għalhekk li issa qiegħda tippreżenta dan l-appell quddiem din il-Qorti. L-appellanta qalet li l-Arbitru naqas milli jagħti motivazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tiegħu, u naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi. Konsegwenza ta' dan, żiedet l-appellanta, l-Arbitru wasal għal konklużjoni żbaljata. L-appellanta qalet ukoll li l-Arbitru ma fehem xejn mis-sottomissjonijiet magħmula minnha, u li l-kwistjoni kollha mhijiex dwar jekk hi hijiex qiegħda tgħix fil-fond indikat minnha jew le, iżda jekk hi hijiex qiegħda tipprova tifforma familja għal rasha jew le.

**Ir-risposta tal-appell**

7. L-appellat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** wieġeb li l-appell interpost mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li jirriżulta ċar li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap. 318, wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi kkonfermata mill-Qorti.

L-appellat ressaq eċċezzjoni preliminari wara li l-appellanta tat l-impressjoni li ser titlob permess sabiex tkun tista' tippreżenta dokumenti ġodda, wara li allegat li waqt li kienet qiegħda tixhed quddiem l-Arbitru, hija kellha tippreżenta żewġ rapporti tal-Pulizija u *affidavit,* iżda meta spiċċat tagħti d-depożizzjoni tagħha, is-Segretarja tal-Arbitru naqset milli tieħu tali dokumenti, u għalhekk l-Arbitru ma setax jieħu konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti. L-appellat oġġezzjona għat-talba tal-appellanta li tressaq dawn id-dokumenti f'dan l-istadju, u żied jgħid li fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2019 l-appellanta kellha kull opportunità tesebixxi l-imsemmija dokumenti qabel tiddikjara li l-provi tagħha huma magħluqa.

L-appellat spjega li fl-20 ta' Settembru, 2018, l-appellanta kienet applikat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex tkun eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, fejn kienet iddikjarat li l-indirizz fejn tirrisjedi kien 19, Triq Sant'Anġlu, ż-Żejtun u li hija kienet sejra tirrisjedi f'dan l-indirizz flimkien mat-tliet uliedha minuri. L-appellat spjega li dak iż-żmien kien ġie stabbilit li l-appellanta kienet tissodisfa

r-rewkiżiti kollha tal-artikolu 30 tal-Kap. 318, u għalhekk kien bagħat jinforma lill-appellanta li hija kienet eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, liema għajnuna baqgħet tingħatalha sal-14 ta' Diċembru, 2018. Iżda xi ġranet wara l-appellat kien irċieva informazzjoni li aktarx li l-appellanta kienet qiegħda tgħix fl-istess dar tas-sieħeb tagħha, Christopher Schembri, u kien għalhekk id-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji kien intalab jinvestiga l-każ. Mill-investigazzjoni li saret, irriżulta li d-Dipartiment ma kellux ikun sodisfatt illi l-appellanta kienet qiegħda tgħix fl-indirizz indikat minnha, u kien għalhekk li saret rakkomandazzjoni sabiex l-intitolament għall-Għajnuna Soċjali tal-appellanta jiġi sospiż. L-appellat għamel riferiment għall-appell li l-appellanta ressqet quddiem l-Arbitru *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 318, fejn l-appellanta opponiet għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat.

L-appellat għamel riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, fejn din ilmentat mill-fatt li d-deċiżjoni tal-Arbitru tikkonsisti minn paġna waħda, u mill-fatt li r-raġunijiet li jimmotivaw id-deċiżjoni kienu inklużi f'paragrafu wieħed, u qalet li f'din id-deċiżjoni m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar x'kien li wassal lill-Arbitru jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda, u li ma sarx riferiment għax-xhieda tal-partijiet li turi x'kien li wassal lill-Arbitru jkollu l-konvinċiment morali sabiex jasal għall-konklużjonijiet tiegħu. L-appellat għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn intqal li l-fatt li l-Arbitru ma jkunx elabora dwar ċerti aspetti tax-xhieda li tkun instemgħet minnu, ma jfissirx li dawn ikunu ġew injorati mill-Arbitru huwa u jiddelibera

qabel jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Intqal ukoll li l-ġudikant m'għandu l-ebda obbligu li jagħmel apprezzament singolari tar-riżultanzi kollha proċesswali jew tal-punti kollha ta' dritt, iżda huwa suffiċjenti li l-ġudikant jindika l-elementi li fuqhom huwa jkun qiegħed jibbaża d-deċiżjoni tiegħu. L-appellat qal li l-Arbitru ta piż lix-xhieda ta' Joseph Attard, u spjega li din ix-xhieda kienet aktar konvinċenti minn dik tal-appellanta, u li n-nuqqas tal-appellanta f'dawn il-proċeduri kien li hija ma ġabet l-ebda prova sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħha.

L-appellat għamel riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, fejn din qalet li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi, u qal li din il-Qorti m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi li sar apprezzament tagħhom mid-Direttur Ġenerali u l-Arbitru rispettivament, għaliex il-Qorti fil-grad ta' appell m'għandhiex tindaħal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li tkun użat l-Ewwel Qorti jew Tribunal, ħlief meta jkun hemm raġunijiet gravi jew meta l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jkun ġie eżerċitat b'mod manifestament ħażin. F'dan ir-rigward l-appellat sostna li din il-Qorti m'għandhiex terġa' tidħol fil-valutazzjoni tal-provi kapriċċożament jew għal raġunijiet superfluwi. L-appellat iżda stieden lil din il-Qorti tieħu konjizzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex hija tasal għall-konklużjoni dwar jekk l-appellanta u wliedha kinux verament qegħdin jgħixu fl-indirizz li l-appellanta indikat lid-Direttur Ġenerali appellat. L-appellat qal dan in vista tal-fatt li l-appellanta ammettiet mal-ispetturi li għamlu spezzjoni, li l-ħwejjeġ ta' wliedha ma kinux jinsabu fil-fond inkwistjoni,

iżda kienu għadhom fir-residenza tal-ġenituri tagħha. L-appellanta stess ammettiet li fil-fond fejn saret l-ispezzjoni ma kienx hemm l-istess ammont ta' ħwejjeġ li wieħed isib f'appartament ta' familja normali, u tali ammissjoni, flimkien ma' provi ċirkostanzjali oħra, bħan-nuqqas ta' ħwejjeġ tat-tfal, in-nuqqas ta' ġugarelli u n-nuqqas ta' oġġetti oħra tat-tfal, skont l-appellat għandhom juru li l-appellanta naqset milli tipprova li fil-fatt hija qiegħda tgħix flimkien ma' wliedha minuri fl-indirizz indikat minnha. L-appellat silet ukoll diversi kontradizzjonijiet fil-verżjonijiet mogħtija mill-appellanta dwar liema huwa l-indirizz tar-residenza ordinarja tagħha, il-post fejn hija marret tgħix wara l-allegata tkeċċija mid-dar tal-ġenituri tagħha. Fir-rikors ippreżentat quddiem l-Arbitru l-appellanta qalet li hija marret tgħix man-nanna materna tagħha sakemm l-affarijiet imorru għall-aħjar, filwaqt li fir-rikors tal-appell odjern l-appellanta qalet li hija sabet rifuġju għand omm is-sieħeb tagħha. Fir-rikors tal-appell odjern l-appellanta qalet li hija ħalliet ħafna mill-ħwejjeġ tagħha fid-dar tal-ġenituri tagħha, iżda minn dokumenti oħra jirriżulta li l-iben il-kbir tal-appellanta baqa' jgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha wara allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, u f'dokumenti oħra l-appellanta allegat li l-ħwejjeġ tat-tifel Dejan tħallew kollha fid-dar tal-ġenituri tagħha. L-appellat silet dawn l-eżempji bħala prova li l-appellanta mhix persuna affidabbli jew konsistenti fi kliemha, għaliex ippruvat tqarraq bl-awtoritajiet sabiex tkun eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali. L-appellat qal li kien għalhekk li l-Arbitru ma setax jagħti piż lix-xhieda tal-appellanta peress li kienet mimlija ineżattezzi u kontradizzjonijiet. L-appellat qal ukoll li wħud mid-dokumenti esebiti mill-

appellanta qajla kellhom x'jaqsmu mas-sottomissjonijiet li għamlet quddiem l-Arbitru, u ħafna minn dawn id-dokumenti kellhom x'jaqsmu biss mal-kwistjoni bejn l-appellanta u ommha u mhux mal-vertenza vera u proprja f'dawn il-proċeduri. Kien għalhekk, sostna l-appellat, li l-Arbitru ma bbażax il-konklużjonijiet tiegħu fuq id-dokumenti u l-provi mressqa mill-appellanta, peress li ħafna minnhom ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali appellat. L-appellat qal li f'dan il-każ l-appellanta naqset milli tressaq provi sufficjenti li jippruvaw li hija kienet qiegħda tgħix fl-indirizz indikat minnha, u f'dan il-każ partikolari, in-nuqqas ta' ħwejjeġ fir-residenza fejn saret l-ispezzjoni hija indikazzjoni b'saħħitha li l-appellanta ma kinitx qiegħda tgħix fl-indirizz indikat minnha. L-appellat qal ukoll li meta l-appellanta ma tatx informazzjoni korretta dwar il-post fejn hija kienet sejra tirrisjedi flimkien mal-familja tagħha, hija kissret ir-rapport ta' fiduċja li kien hemm bejnha u l-Istat, peress li hija kellha l-obbligu li tkun veritiera fl-informazzjoni li tagħti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*8.* Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, flimkien mar-risposti pprovduti mill-appellat, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni li lill-appellanta għandha titwaqqfilha l-Għajnuna Soċjali minħabba li nstab li hija mhux vera kienet qiegħda tgħix għal rasha u/jew li mhux minnu li hija kienet qiegħda tipprova tifforma familja għal rasha.

*L-Ewwel Aggravju:* *L-Arbitru naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu; ir-raġunijiet tal-Arbitru jingħataw f'paragrafu wieħed; ebda indikazzjoni dwar kif l-Arbitru wasal għall-konklużjoni tiegħu*

9. Din il-Qorti qiegħda tintalab tikkonsidra l-appell odjern wara li d-Direttur Ġenerali appellat, ftit tax-xhur biss wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru u li minnha qiegħed jitressaq dan l-appell, eventwalment iddeċieda li l-appellanta fil-fatt hija eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali li kienet twaqqfitilha f'Diċembru tal-2018. Din il-Qorti mhix edotta mill-fatti kollha u miċ-ċirkostanzi li wasslu biex id-Direttur Ġenerali appellat jiddeċiedi b'mod li effettivament jirrendi ineffettiva d-deċiżjoni appellata. Dak li qiegħed jintalab minn din il-Qorti huwa li tingħata deċiżjoni dwar jekk l-aggravji mressqa mill-appellanta b'riferiment għad-deċiżjoni tal-Arbitru, għandhomx jintlaqgħu jew le.

Fl-ewwel lok l-appellanta sostniet li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija nieqsa mill-motivazzjoni u li l-bażi tad-deċiżjoni tal-Arbitru tinsab kontenuta f'paragrafu wieħed qasir, fejn il-konklużjoni kienet li x-xhud imressaq mid-Direttur Ġenerali appellat kien aktar kredibbli mill-appellanta. Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, minn fejn jirriżulta li l-appellanta kellha l-inkwiet mal-ġenituri tagħha li keċċewha mid-dar tagħhom, kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti minnha, il-fatt li din sabet rifuġju fid-dar ta' omm is-sieħeb tagħha, il-fatt li fiż-żmien meta seħħ dan kollu l-appellanta kienet tqila u tkeċċiet mid-dar tal-ġenituri tagħha b'ta' fuqha senduqha, tant hu hekk li kellha tagħmel kwerela sabiex jiġu ritornati l-ħwejjeġ tagħha u l-ħwejjeġ ta' wliedha mill-

ġenituri tagħha. Qieset ukoll li l-ispezzjoni li saret fid-dar ta' Emanuela Schembri, inżammet wara li l-appellanta ngħatat appuntament għal dan l-iskop, u għalhekk li kieku din riedet tqarraq bis-sistema, din kellha ċ-ċans li tieħu xi affarijiet ta' wliedha minuri bħalma huma l-ħwejjeġ u l-affarijiet tagħhom tal-iskola sabiex tikkonvinċi lill-uffiċjali tad-Dipartiment li hija verament marret tgħix fl-indirizz indikat minnha. Minn dan kollu l-appellanta m'għamlet xejn, u minflok laqgħet lill-uffiċjali tad-Dipartiment sabiex turihom x'kellha fil-post indikat. Il-Qorti tqis li min ikollu x'jaħbi juri ċerta eżitazzjoni qabel idaħħal persuni f'daru u jurihom x'għandu fil-gwardarobba, partikolarment meta jirriżulta li l-appellanta ma tantx kellha affarijiet tat-tfal fid-dar fejn saret l-ispezzjoni. Il-Qorti kkonsidrat id-diffikultajiet li kienet għaddejja minnhom l-appellanta, il-fatt li din kienet qiegħda tistenna tarbija u sfat imkeċċija mid-dar tal-ġenituri tagħha, il-fatt li huwa ferm verosimili li min irid jgħix b'mezzi limitati ma jkunx f'pożizzjoni li jonfoq ħafna flus f'ilbies, ġugarelli u oġġetti oħra, u x-xhieda tal-appellanta li hija kienet tinsab f'sitwazzjoni fejn kellha tmur minn dar għal oħra u saħansitra biex taħsel il-ħwejjeġ tagħha u ta' wliedha kienet tmur fid-dar tas-sieħeb tagħha f'parti oħra tal-istess raħal. Iżda l-Arbitru jidher li bbaża ruħu fuq ir-rapport tal-uffiċjali li għamlu l-ispezzjoni fl-indirizz indikat mill-appellanta, sabiex ikkonkluda li din m'għandhiex tkun intitolata għall-Għajnuna Soċjali u dan mingħajr ma approfondixxa wisq dwar iċ-ċirkostanzi materjali l-oħra li kienet fihom l-appellanta. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li dawn iċ-ċirkostanzi l-oħra li sabet ruħha fihom l-appellanta huma ben evidenzjati mid-dokumenti ppreżentati minnha,

minn fejn jirriżulta bl-aktar mod ampju li din kellha ħafna problemi mal-ġenituri tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-Arbitru għamel eżami aktar approfondit tal-provi kollha li tressqu quddiemu u taċ-ċirkostanzi kollha li sabet ruħha fihom l-appellanta, kellu jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha. Konklużjoni li wara kollox jidher li wasal għaliha d-Direttur Ġenerali appellat ftit tal-ġimgħat wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru meta wara li reġa' evalwa l-każ tal-appellanta sab li din fil-fatt kienet intitolata għall-Għajnuna Soċjali. Tqis għalhekk li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta huwa ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *Il-provi li ressqet l-appellanta*

10. L-appellanta sostniet li l-Arbitru ma ħax konjizzjoni tal-provi kollha mressqa minnha, partikolarment id-dokumenti esebiti minnha, sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu. Din il-Qorti hija wkoll ta' din il-fehma, għall-istess raġunijiet diġà spjegati hawn fuq. Jidher ukoll li l-Arbitru ta piż akbar lix-xhieda tal-uffiċjali tad-Dipartiment appellat u l-konklużjonijiet milħuqa minnhom, milli lill-provi dokumentarji esebiti mill-appellanta, li huma l-aħjar indikazzjoni ta' dak li din kienet għaddejja minnu u l-problemi li kellha mal-ġenituri tagħha. Is-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-appellanta ma ġietx mix-xejn, iżda mid-diversi problemi familjari li kellha mal-ġenituri tagħha, il-fatt li hija sfat imkeċċija mid-dar tagħhom, u l-fatt li dawn ippruvaw iżommu taħt il-kustodja tagħhom lil wieħed minn uliedha, tant hu hekk li żammew għandhom il-ħwejjeġ u oġġetti

oħra tat-tifel Dejan. Dawn iċ-ċirkostanzi ma setgħux jiġu injorati mill-Arbitru huwa u jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Jirriżulta wkoll li dawn il-fatti ma jissemmew imkien fid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk hija korretta l-appellanta fejn tgħid li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament sħiħ tal-provi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, partikolarment dawk imressqa minnha.

*It-tielet aggravju:* *Analiżi dwar jekk hux minnu li l-appellanta kienet qiegħda tipprova tifforma familja għal rasha*

11. L-appellanta sostniet li minkejja li huwa minnu li l-uffiċjali tad-Dipartiment ma sabux ħafna ħwejjeġ tagħha u ta' wliedha fl-indirizz indikat minnha, madanakollu jirriżulta wkoll li l-ispetturi li marru jagħmlu din l-ispezzjoni naqsu milli jikkonsidraw li pereżempju fil-kamra tal-banju kien hemm l-ixkupilji tas-snien tat-tfal, jew li fil-kċina kien hemm il-pożati tat-tfal. Spjegat li fiż-żmien meta seħħ dan kollu hija kienet qiegħda tistenna t-tielet wild tagħha, kienet għadha kif tkeċċiet mid-dar tal-ġenituri tagħha, u l-mezzi finanzjarji tagħha kienu limitati ferm. Żiedet tgħid li għalhekk mhux minnu li fl-indirizz ipprovdut minnha ma kien hemm l-ebda ħjiel jew prova tal-fatt li dak iż-żmien hija kienet qiegħda tipprova tifforma familja għal rasha, jew li hija ma kinitx tabita fil-post inkwistjoni. L-appellanta spjegat ukoll li l-Għajnuna Soċjali li twaqqfitilha kienet għajnuna soċjali li hija kienet tirċievi għal binha Dejan Formosa u għal ħadd aktar mill-ulied minuri tagħha, u għalhekk l-Arbitru ma

kellux għalfejn jikkonsidra jekk fir-residenza fejn saret l-ispezzjoni kienx hemm oġġetti oħra tat-tfal minuri l-oħra tal-appellanta.

Il-Qorti kkonsidrat li mill-provi jirriżulta li Dejan Formosa huwa iben missier mhux magħruf, u li l-Għajnuna Soċjali li twaqqfet lill-appellanta, li minn dakinhar tad-deċiżjoni tal-Arbitru reġgħet bdiet tingħatalha, kienet għal dan il-wild. Mill-provi jirriżulta li dan it-tifel inżamm min-nanniet materni tiegħu u kien biss wara ħafna battalji legali li dan it-tifel irritorna lura fil-kustodja ta' ommu. Din il-Qorti lanqas m'għandha l-ebda dubju li persuna li jkollha mezzi limitati u diffikultajiet bħal dawk li kienet għaddejja minnhom l-appellanta, la jkollha moħħ u lanqas mezzi biex tixtri ħafna affarijiet materjali bħal ħwejjeġ jew ġugarelli. Quddiem il-provi u ċ-ċirkostanzi kollha kif esposti, din il-Qorti qiegħda tqis li dan it-tielet aggravju huwa ġustifikat u qiegħda tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar dan l-appell tal-appellanta billi:**

1. **Tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanta;**
2. **Tħassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-8 ta' Lulju, 2019 u għaldaqstant tħassar ukoll id-deċizjoni tal-appellat tas-27 ta' Novembru, 2018 li biha ddikjara li l-appellanta ma kienx għad għandha dritt li tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali li kienet tingħata lilha sal-14 ta' Diċembru, 2018.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tad-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**